# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 11**

**Rikors numru 52/16 LSO**

**Marie Therese Cuschieri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat Avukat Generali mis-sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2017 [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ddikjarat illi l-proviso tal-Artikolu 28[1][c][i] tal-Att dwar il-Professjoni

Nutarili u Arkivji Nutarili [Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta] hi inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni]; laqghet it-tieni talba u ddikjarat illi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-istess Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni; u laqghet ukoll it-tielet talba billi b'zieda tad-dikjarazzjoni ta' ksur, ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati li ghandu, meta l-Kamra tiltaqa' ghall-ewwel darba wara li jkun ircieva din is-sentenza, jgharraf lill-Kamra b'dak li jkun ircieva u jqieghed kopja tas-sentenza fuq il-mejda tal-Kamra fit-termini tal-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

<u>Mertu</u>

2. Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti appellata, tilmenta ili hija soffriet diskriminazzjoni abbazi ta' sess kif ukoll indhil illecitu fil-hajja privata taghha meta giet kostretta illi tidentifika l-istatus maritali taghha jigifieri jekk hijiex xebba, mizzewga jew armla, ghall-finijiet ta' kuntratt pubbliku li riedet tikkonkludi ma' terzi persuni, liema taghrif huwa statutorjament rikjest permezz tal-proviso fl-Artikolu 28[1][c][i] tal-Kap. 55. Ir-rikorrenti lmentat ukoll mill-fatt illi, billi l-ligi tesigi minnha li tiddikjara l-istatus taghha ta' mara divorzjata, il-kuntratt pubbliku kien

sejjer isemmi wkoll l-isem tal-eks ragel taghha. Skont ir-rikorrenti, il-htiega li jigi indikat l-istatus taghha bil-konsegwenti indikazzjoni wkoll tal-isem u kunjom ta' ragel li mieghu ma ghandha l-ebda rabta iktar wara l-hall taz-zwieg bejniethom u li ma tridx li jkollha ebda rabta mieghu iktar, tirrendi l-ligi vigenti diskriminatorja fil-konfront taghha bhala mara, u hija leviza ghalhekk tad-drittijiet fondamentali taghha protetti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

3. L-intimat appellant jikkontendi li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali invokati mir-rikorrenti ghaliex *inter alia*, filwaqt illi l-artikolu lamentat inkiteb minhabba cirkostanzi kif kienu fl-antik u jista' jigi emendat, l-informazzjoni li hija rikjesta li titnizzel f'kuntratt pubbliku hija ta' natura pubblika li terzi ghandhom access ghaliha f'kull kaz.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

> "**Fatti**
>
> "Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma semplici u mhumhix in kontestazzjoni. Ir-rikorrenti kienet isseparat minn ma' zewgha fit-8 ta' Mejju 2013 u konsegwentement dan iz-zwieg inhall fit-8 ta' Jannar 2015. Fis-sena 2015 ressqet ghall-konvenju ghax-xiri ta' proprjeta' ghan-nom u fl-interess ta' kumpannija privata bhala Direttur tal-istess, izda sabet li wara isimha tnizzlet l-informazzjoni li hi kienet mara ddivorzjata kif ukoll isem l-eks ragel taghha.
>
> "**Provi Prodotti**

“**Ir-rikorrenti** xehdet permezz ta' affidavit (fol 14) u spjegat li hija Direttur tal-Kumpanija TP Holdings Limited li kienet ser tixtri proprjeta' immobbiljari bl-isem "St. Joseph Court" fi Triq il-Fuxa, San Gwann. Meta ressqet ghall-iffirmar tal-konvenju (**Dok.AB1)** ghand in-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici sabet li wara isimha kien mizjud id-deksrizzjoni li hija mara ddivorzjata u kien hemm ukoll l-isem tal-eks ragel taghha.

“Hi xehdet li dak il-hin hassitha skomda hafna kif ukoll intimidata "*ghaliex indunajt li tul hajti jkolli nibqa' assocjata mal-ex ragel tieghi."* In-Nutar qaltilha li minghajr dan it-taghrif l-att ma jkunx jista' jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

“Affermat ukoll li tant hassitha ddisgustata li ghaddiet risoluzzjoni fil-Bord tal-Kumpannija fejn binha gie nominat biex jidher fuq il-kuntratt minnflokha (Dok AB2).

“Xehdet ukoll **in-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici** (fol 28) fejn affermat li l-fatt li kellu jitnizzel l-istatus maritali fil-kuntratt kien inaccettabbli ghar-rikorrenti billi ma riedetx li issir l-ebda referenza ghal dan. Ghalhekk il-kumpannija kienet rapprezentata minn binha fuq il-kuntratt finali.

“Xehed **in-Nutar Keith German, Direttur u Nutar Principali tal-Gvern**[1] fejn spjega li l-ghan ewlieni tal-*proviso* huwa dovut ghad-dritt li ghandha mara li tbiddel kunjomha bi zwieg jew ghal ragunijiet ohra. Id-dettalji rikjesti jitnizzlu fin-nota ta' l-insinwa u meta jsiru r-ricerki ikun jirrizulta jekk proprjeta' giet akkwistata minn mara qabel jew wara iz-zwieg. Ghalhekk ir-ricerka tigi ordnata minn meta kienet xebba. Qal li l-istat hu importanti anke jekk il-mara mhix mizzewga, u anke jekk hi armla. Ix-xhud qal li hu personalment inizzel dawn id-dettalji anke f'kaz ta' irgiel ghaliex ma hemm xejn li jimpedih milli jaghmel hekk, izda dan mhuwiex rikjest bil-ligi.

“Fuq mistoqsija tal-Qorti qal li s-sistema tar-ricerka mhix ibbazata fuq in-numru tal-karta tal-identita' imma fuq il-parentela billi s-sistema komputerizzata mhix ikkompletata.

“In **kontro ezami** qal li billi mara tista' zzomm kunjom xbubitha anke wara z-zwieg, ma jaghmilx differenza jekk hix mizzewga jew le ghal kunjom taghha.

**L-ewwel Tlett eccezzjonijiet - Interess Guridiku, prova tal-kuntratt u *Victim Status***

[1] Seduta tas-6 ta' Dicembru 2016

“Illi l-partijiet ma indirizzawx dawn l-eccezzjonijiet fin-noti rispettivi taghhom izda din il-Qorti ser ikollha tindirizzahom billi ma gewx formalment irtirati mill-intimat.

“Illi l-interess guridiku f'kawzi bhal dik odjerna jirrizulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x’aktarx ser tiġi miksura **(art. 46 (1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).**

“Illi r-rikorrenti esebiet kopja tal-konvenju, tal-kuntratt finali, u xhieda kemm taghha kif ukoll tan-Nutar Pamela Mifsud Bonnici in sostenn tal-fatti dikjarati. B'hekk ghal dak li jirrigwarda l-prova tal-iffirmar ta' ftehim, u tal-kuntratt, it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

“Ikkonsidrat li l-element tal-interess guridiku huwa marbut mal-kuncett ta' *vittma* fil-kuntest ta' kawzi ghat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-kuncett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wiehed awtonomu, li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika.

> “"*The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary."*[2]

“L-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix *actio popularis "nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention."*[3] Din hija wkoll il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni taghna li ma tippermettix l-*actio popolaris* ghat-tfittixija ta' protezzjoni minn lezjoni attwali jew probabbli ta' drittijiet fundamentali.

“Illi r-rikorrenti qed tilmenta li sofriet lezjoni tad-drittijiet taghha ccitati billi kienet kostretta taghti informazzjoni rigward l-istat maritali taghha fuq konvenju ghax-xiri ta' proprjeta'. Hija mara ddivorzjata u ghaldaqstant l-istat taghha ta' mara mizzewga jappartjeni lill-passat taghha. Affermat li tant hasset ruhha skomda meta gharrfet li ser ikollha tibqa' assocjata u identifikata mal-eks ragel taghha tul hajjitha li rrikorriet ghar-rapprezentanza permezz ta' terza persuna (binha) li deher ghall-iffirmar tal-kuntratt finali ta' xiri.

“Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li r-rikorrenti ssubiet direttament l-effett tal-applikazzjoni tal-artiklu in kwistjoni u ghalhekk uriet l-interess guridiku mehtieg biex tippromwovi din l-azzjoni u titlob rimedji opportuni.

“Ghaldaqstant l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati qed jigu michuda.

---

[2] [2] Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.
[3] Op cit page 87

"**Fil-Mertu**

"L-**artikolu 28(1)(c)(i) tal-Kap 55** jiddisponi:

> "***"28.*** *(1) Kull att nutarili għandu jkun fih -*
>
> "*(a) il-ġurnata, ix-xahar u s-sena, u fil-każ ta' testment, ukoll il-ħin, li fihom l-att jiġi iffirmat, miktubin bi kliem sħiħ min-nutar innifsu;*
> *(b) isem u kunjom in-nutar;*
> *(ċ) (i) l-isem u l-kunjom, l-isem tal-missier, il-post fejn joqogħdu, il-post u d-data tat-twelid (li jistgħu jinkitbu b'figuri biss) u l-professjoni jew sengħa tal-partijiet, u fil-każ ta' att li jagħti lok għal inskrizzjoni ta' privileġġ jew ipoteka jew li għandu jiġi insinwat, l-isem u l-kunjom ta' xbubit l-omm il-persuna jew persuni li kontra tagħhom jew dwarhom għandha ssir l-inskrizzjoni jew l-insinwa:*
> *Iżda, meta waħda mill-partijiet fl-att hija mara, għandu jingħad ukoll jekk hix xebba, miżżewġa jew armla*." (emfasi ta' din il-Qorti).

"Illi hawnhekk ghandu jigi precizat li dan il-*proviso* kien fis-sehh ferm qabel l-emmenda introdotta **bl-Att XXI tas-sena 1993** li ppermettiet lill-mara li zzomm kunjom xbubitha fiz-zwieg. Madanakollu huwa fatt li mara tbiddel kunjomha maz-zwieg u llum il-gurnata tista' taghzel li tirreverti ghal kunjom xbubitha f'kaz ta' separazzjoni legali jew divorzju.

"**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

"Illi r-rikorrenti tilmenta li l-proviso imsemmi jikkostitwixxi indhil illecitu fil-hajja privata tal-esponenti u tal-familja taghha, u certament mhuwiex tali li huwa necessarju f' socjeta' demokratika u ghall-interess pubbliku;

"L-Artikolu imsemmi jidisponi li :-

"*(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

"Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna.

> ""*Thus from the beginning the Court eschewed a narrow approach which would limit private life to notions of privacy and protection from*

*publicity, in favour of a broader approach which emphasised the ability to live one's life without arbitrary disruption of interference."*[4]

"Kuncett essenzjali huwa dak ta' *personal* autonomy li inghata tifsira fil-kaz **Christine Goodwin v UK**[5]

""*Under Article 8 of the Convention in particular, where the notion of personal autonomy is an important principle underlying the interpretation of its guarantees, protection is given to the personal sphere of each individual, including the right to establish details of their identity as individual human beings (see, inter alia,* ***Pretty v. the United Kingdom,*** *no. 2346/02, judgment of 29 April 2002, § 62, and* ***Mikulić v. Croatia****, no. 53176/99, judgment of 7 February 2002, § 53, both to be published in ECHR 2002-...)."*

"Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, għaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta tali ndħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b'mezzi effettivi sabiex dan il-harsien jigi attwat.[6]

"Illi biex indħil bħal dak ikun "*skont il-liġi",* jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[7](*unforseeable)*.

"Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "*meħtieġa f'soċjeta' demokratika",* jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[8] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[9]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"*rispett"* li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan huwa imfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet. Kif ingħad "*In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia,* ***T.P. and K.M. v. the United***

[4] Harris, O'Boye & Warbrick *Law of the Convention on Human Rights* (3rd Ed). p 525.
[5] App. Nru.. 28957/95 Q.E.D.B.(GC) 2002-VI;35 EHRR,447 GC
[6] Ara ad es. **Marcks v Belgium** A 31(1979);2 EHRR 330 PC
[7] Q.E.D.B. 24,3.1988 fil-każ **Olsson vs Svezja** (Nru. 1) (Applik. Nru. 10465/83) § 62
[8] Q.E.D.B. 24.11.1986 fil-każ **Gillow vs Renju Unit** (Applik.Nru. 9063/80) §55
[9] Q.E.D.B. 26.3.1987 fil-każ **Leander vs Svezja** (Applik. Nru. 9248/81) §58

***Kingdom [GC],*** *no. 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and* ***Sommerfeld v. Germany*** *[GC], no. 31871/96, § 62, ECHR 2003-VIII*)."[10]

"Illi huwa stabilit li fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni *"inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*"[11]

"Applikati dawn il-principji ma hemmx dubbju li l-konnotati personali ta' persuna jifformaw parti mit-tifsira ta' *privatezza* u *hajja privata* in kwantu huma marbuta intimament mal-identita' ta' kull persuna. Ir-rikorrenti fissret ukoll l-impatt tal-applikazzjoni tal-*proviso* legali fuq il-hajja personali taghha. F'termini konkreti tul hajjitha, bl-applikazzjoni tal-imsemmi dispozittiv, ser tibqa' identifikata pubblikament permezz ta' legam ma' persuna li minnu hallet ir-rabta taghha fiz-zwieg.

"Ir-rikorrenti ssottomettiet li l-ebda eccezzjoni taht l-artikolu 8 fuq citata ma japplika ghall-kaz odjern. Ghall-kuntrarju huwa l-obbligu tal-Istat li jiehu azzjoni pozittiva li jara li tabilhaqq ikun hemm harsien tal-jedd mahsub.

"Illi l-intimat min-naha l-ohra, issottometta li l-proviso imsemmi huwa gustifikabbli billi huwa *mehtieg f'socjeta` demokratika .... għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

"Ghal dak li jirrigwarda d-"drittijiet ta' haddiehor" sollevat mill-intimat, jispjega li jitnizzel l-istat ta' persuna fuq att fejn dik il-persuna jkollha l-jedd li tbiddel kunjomha "*huwa mehtieg sabiex jigi mhares id-dritt ta' haddiehor li jehtieg jirricerka mar-registru pubbliku fuq dik il-persuna."*[12]

"Il-Qorti mhix konvinta minn din it-tezi. Kif gja ribadit l-indhil ghandu ikun wiehed legittimu, mehtieg f'socjeta' demokratika u ghal wiehed mill-iskopijiet identifikati (*legitimate aims).*

"Ghal dak li hu l-legalita' ma hemmx kontestazzjoni li l-indhil jemani mil-Ligi u ghaldaqstant huwa "*skont il-Ligi."*

"Kif gie ribadit fil-kaz **Olsson v Sweden(No.1)** [13]**:**

> "*According to the Court's established case law, the notion of 'necessary' implies that an interference corresponds to a pressing*

[10] Q.E.D.B. 18.2.2014 fil-kawża fl-ismijiet A.L. vs Polonja (Applik. Nru. 28609/08) § 65
[11] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3
[12] Nota ta' sottomissjonijiet tal-Intimat a fol 41
[13] Q.E.D.B.a 130(1988); 11 ehrr 259 PARA 67 PC

*social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate aim pursued."*

“Illi wiehed mill-fatturi biex jigi ezaminat jekk mizura hija proporzjonali jew le huwa l-importanza tad-dritt li qed jigi invokat sabiex jiggustifika l-indhil. Fil-kaz odjern l-Istat mhuwiex qed jinvoka xi dritt fondamentali ta' terzi, u imma "dritt ta' ricerka". Din il-Qorti tifhem li b'dan, l-intimat, pjuttost irid ifisser id-dritt ta' persuna li jkun hemm sistema li tassigura li r-ricerki li jsiru fuq it-trasferimenti tal-proprjeta' u atti ohra pubblici jkun affidabbli u akkurati.

“L-intimat rrefera ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Karl Fiorini et v Avukat Generali** (PA (Kost) AJM - 29 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent billi, fost hafna cirkostanzi ohrajn, qieset li l-ghazla "*jista’ johloq incertezza fir-registrazzjonijiet tal-istat civili tal-persuni, bil-konsegwenzi negattivi li dan jista’ jgib f’materja ta’ wirt u fit-trasferimenti ta’ proprjeta’ immobiljari inter vivos."*

“Illi l-kawza ccitata kienet tikkoncerna t-talba ta' ragel li twieled fiz-zwieg li jiehu il-kunjom matern minnflok kunjom missieru. Dik il-kawza kienet tippostula cirkostanzi ben distinti mill-kaz tallum billi tali talba kienet iggib kapovolgiment fis-sistema tar-registrazzjoni dwar l-istat civili u konsegwentement problemi kbar fit-trasferimenti ta’ proprjeta’ immobiljari. Ir-rikorrenti odjerna mhix qed tipproponi tibdil fis-sistema ta' registrazzjoni tal-kunjomijiet.

“Illi n-Nutar Keith German, Direttur u Nutar Principali tal-Gvern, fix-xhieda tieghu spjega li l-ghan ewlieni tal-*proviso* huwa dovut ghad-dritt li ghandha mara li tbiddel kunjomha bi zwieg jew ghal ragunijiet ohra, u ghamel riferenza ghas-sistema ta' ricerki konnessi ma’ trasferimenti ta’ proprjeta’. Dawn huma intrinsikament marbuta mal-kunjom ta’ dak li jkun billi r-registrazzjoni ta’ proprjeta’ hija, fil-maggor parti taghha, wahda personali (salv is-sistema li ghadu mhux komplut tar-registrazzjoni tal-Artijiet). L-intimat ukoll irrefera ghal xi emmendi li qed jipprospettaw li l-irgiel ikollhom il-jedd li jiehdu l-kunjom tal-mara fiz-zwieg. Dawn l-emmendi ghad m'ghandhomx is-sahha tal-Ligi u frankament din il-Qorti mhix konvinta li l-ghazla tal-kunjom il-mara minn ragel fiz-zwieg, (jew f'unjoni civili) tabifors ifisser li l-proviso ghandu jinzamm billi jsir applikabbli kemm ghan-nisa kif ukoll ghall-irgiel. L-indhil jibqa' dejjem tqies li din li l-gustifikazzjoni sottomessa hija wahda dghajfa.

“Ikkonsidrat li huwa minnu li mara ghandha l-fakolta' li tbiddel kunjomha fiz-zwieg, jew bis-separazzjoni personali jew bid-divorzju, filwaqt li din il-fakolta' (almenu sa issa) mhijiex applikabbli lill-irgiel. Izda r-rikorrenti mhix qed timpunja dik il-parti tal-artikolu 28(1) li tirreferi ghad-dettalji ta' parentela li tapplika minghajr distinzjoni ghan-nisa u ghall-irgiel, imma ghall-inkluzjoni tad-dettall dwar l-istat maritali taghha.

"Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-facilitazzjoni ta' ricerki mhix gustifikazzjoni legittima imma pjuttost skuza amministrattiva. Il-qafas legali ghall-eliminazzjoni ta' ligijiet diskriminatorji bejn in-nisa u l-irgiel ilha taht skrutinju sa mis-sena 1991 (*vide* **Att XIX tas-sena 1991**) bil-ghan li jigu individwati disposizzjonijiet li huma diskriminatorji direttament jew li indirettament. Tifhem li jista' ikun hemm problemi teknici ta' sistemi ta' komputerizzazzjoni jew burokratici rigward ir-ricerki izda dawn il-problemi mhumiex insuperabbli specjalment fl-era komputerizzata li fiha nghixu u fejn kull cittadi ghandu karta tal-identita'. Hawnhekk jidhol l-obbligu pozittiv tal-Istat li jnehhi l-ostakoli amministrattivi u burokratici sabiex dan l-indhil jispicca.

"Illi l-intimat eccepixxa li t-taghrif dwar l-istat maritali tar-rikorrenti, u, difatti, ta' kull persuna, huma gja pubblici . Izda l-kwistjoni hawnhekk hija ben altru ghaliex l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa jekk id-disposizzjoni legali imsemmi jikkostitwixxix indhil legittimu li huwa gustifikabbli in kwantu mehtieg f'socjeta' demokratika.

"Illi fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-identifikazzjoni ta' mara b'riferenza ghall-istat maritali taghha jikkostitwixxi indhil fil-hajja privata tar-rikorrenti billi jesigi li hi tibqa' indeifinittivament marbuta pubblikament ma' persuna li m'ghadux jaghmel parti mill-hajja taghha specjalment fil-kuntest tal-gestjoni tal-affarijiet taghha,. Mhuwiex accettabbli u lanqas gustifikabbli li mara ghandha tiddikjara pubblikament jekk hix mizzewga, ma' min, jekk hix illum separata jew iddivorzjata u minn min. M'ghandhiex tigi identifikata bl-istat maritali taghha.

"Illi l-proviso lanjat ghandu jigi kkunsidrat bhala wiehed anakronistiku li ma jirrikonoxxix l-istat ta' ugwaljanza bejn in-nisa u irgiel. Nisa mhumiex aktar soggetti ghall-patriarkalizmu, u ghandhom il-pjena amministrazzjoni ta' gidhom minghajr il-htiega tal-awtorizzazzjoni ta' zwieghom, jew ta' xi organu gudizzjarju. Fiz-zwieg in-nisa u l-irgiel huma shab indaqs[14]. Isegwi li jekk l-Istat ghadu jesigi li mara tigi kwalifikata u identifikata b'rispett ghall-istat maritali taghha minhabba xi skop jew utilita' partikolari, l-istess ghandu jghodd ghall-irgiel billi kemm in-nisa kif ukoll l-irgiel huma rikonoxxuti li ghandhom l-istess drittijiet, dmirijiet u responsabbilitajiet fil-hajja civili. Izda dan mhuwiex il-kaz u lanqas hemm tali htiega insuperabbli.

"Ghaldaqstant tqies li l-intimat ma jistax jippretendi li jista' jiggustifika z-zamma tal-*proviso* u konsegwentement issib li hemm lezjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

"**Diskriminazzjoni**

[14] Ara Att XXI tal-1993 u partikolarment l-artikolu 2 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta u l-qafas legali stabbilit bl-Att Dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irgiel (Kap.456 tal-Ligijiet ta' Malta)

"**L-Art 45 tal-Kostituzzjoni u Art 8 u Art.14 tal-Konvenzjoni**

"Illi l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jimponi l-obbligu li hadd ma ghandu d-dritt jiddiskrimina fuq bazi ta' sess. Madankollu dan il-principju fundamentali ghandu eccezzjonijiet tieghu. L-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jelenka sitwazzjonijiet fejn diskriminazzjoni hija gustifikata.

"Illi l-**Art 45 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi testwalment li:-

> "**"(1)** *Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti taghha.*
> *-omissis-*
> *(3)F'dan l-artikolu l-kelma "diskriminatorju" tfisser "ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont … is-sess li minhabba fiha persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom …".*

"Illi pero' sabiex japplika l-istess **artikolu 45 (1)** xorta ma jridx ikun kaz li jaqa' taht is-**subartikoli (4) (5) u (7) tal-istess artikolu,** tant li l-istess subartikolu jaghmel eccezzjoni ghalihom fl-istess **subartikolu (1).**

"Illi jrid jinghad ukoll li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rose Anne Galea vs L-Onorevoli Prim Ministru**" (Q.K. 11 ta' April 1995) spjegat li:

> "*"Il-Kostituzzjoni taghna tiggarantixxi trattament non-diskriminatorju b'mod aktar specifiku, awtonomu u indipendenti minn drittijiet u libertajiet ohra. Hawnhekk hija d-diskriminazzjoni fiha nfisha, li hija kkonsidrata bhala bazi tal-azzjoni u allura m'hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew liberta` fondamentali iehor; m'hemmx bzonn ta' abbinament ta' zewg normi li jiggarantixxu drittijet fundamentali".*

"Illi l**-Artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, jipprovvdi li*:*

> "*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."*[15]

"B'riferenza ghall-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali (28 ta' Mejju 1985):**

---

[15] Kif gie ritenut fil-kaz **Engel and Others v. the Netherlands**, (8 June 1976, § 72, Series A no. 22)."However, the list set out in Article 14 is illustrative and not exhaustive, as is shown by the words "any ground such as" (in French notamment) ."

"*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*[16]

"Illi ghalhekk din il-posizzjoni fil-Kostituzzjoni hija ben differenti mill-provedimenti analogu il-**Kap 319** *stante* li skont l-istess Kostituzzjoni it-trattament non-diskriminatorju fuq ir-ragunijiet hemm indikati, huwa prottett fih innifsu , u ksur tal-istess artikolu jimporta ksur tal-istess dritt, minghajr ma jehtieg li jkun hemm ksur ta' dritt fundamentali iehor fl-istess Kostituzzjoni.

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni sostantiva tal-**Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni** u **tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni:**

"*"l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropea fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet **"Spadea and Scalabrino vs Italy".** Dik il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated*". *Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-uzu tal-kelma "similar" u mhux il-kelma "identical".*[17]

"Kif gie mfisser fil-kaz **Wessels-Bergervoet vs the Netherlands** deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 :

"*46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification* (see *Thlimmenos*, cited above, § 44)." Hekk ukoll "*only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see **Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen v. Denmark**, 7 December 1976, § 56, Series A no. 23); "there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (**D.H. and Others v. the Czech Republic** [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, u **Burden v. the United Kingdom** [GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008); u "Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the*

[16] **Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** (Qorti Kost. 17 ta' Frar 1999),
[17]**Katerina Cachia vs Direttur Generali tas-Sahha** (V.D.G. 11 ta' Awwissu 2000):-

> *means employed and the aim sought to be realized."* (**Carson and Others v United Kingdom -** Grand Chamber)[18].

"Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet **Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** (fuq citat *ante n 15)* kompliet tespandi fuq is-sinifikat ta' 'diskriminazzjoni' taht **l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** meta pprecizat illi "*naturalment salv dejjem l-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikoli ta' dak l-artikolu. jekk ikun hemm id-diskriminazzjoni kif hawn aktar 'l fuq spjegat, mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi pruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni politika, sess, etc; fi kliem iehor dak li l-Qorti ghandha tara hu jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita, u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (ara f'dan is-sens, **"Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni**" - Prim Awla, Sede Kost - 14/07/75); **"Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et**" - ga citata). Fondamentali, ghalhekk, fl-ezami tal-fatti hu jekk hemmx kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti".*

"Illi applikat dan il-principju ghall-kaz *de quo* dan ifisser li sabiex tigi ippruvata l-allegazzjoni attrici jrid jirrizulta li fil-kaz partikolari hija giet zvantaggjata minhabba l-fatt li hija mara, b'dan ghalhekk li ragel fl-istess cirkostanzi medesimi, ma jkunx gie assoggettat ghall-istess trattament.

"Illi jirrizulta inekwivokalment li l-*proviso* li qed jigi impunjat jiddiskrimina b'mod dirett, kemm testwalment kif ukoll fl-applikazzjoni tieghu lin-nisa u mhux lill-irgiel. Ghaldaqstant l-ewwel parti tal-investigazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hija soddisfatta.

"Illi sabiex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti a bazi tal-**artikolu 45(4)(d) tal-Kostituzzjoni** irid jirrizulta ukoll li tali diskriminazzjoni ma tkunx ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokrattika.

"Hekk fil-kaz **Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", Q.K. deciza fis-16 ta' Awwissu 1976** gie ribadit li :

> "*Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata…Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport* ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat."[19]

---

[18] Application no. 42184/05 - Deciz fis-16 ta' Marzu 2010

[19] Ara a propozitu ***"Caccopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et***", Q.K. deciza fl-20 ta' Frar 1987, **"*Debono Grech vs Mizzi et noe*"**, Q.K. deciza fit-3 ta' Frar 1999, u **"*Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar*"**, Q.K. deciza fl-14 ta' Jannar 2004. Illi ghalhekk, ikun hemm

"Il-Qorti gja esprimiet il-fehmiet taghha dwar l-iskop ghall-proviso imsemmi avvanzat mill-intimat fejn sabet li dan l-iskop ma jissoddisfax l-indhil permess skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-istess ragunament japplika hawn specjalment tenut kont tal-ghan ewlieni tal-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa li jhaddnu l-Konvenzjoni li javvanzaw l- ugwaljanza bejn is-sessi.

"Illi kif sostniet il-Qorti Ewropea kemm-il darba "*the advancement of the equality of sexes is today a major goal in the member - States of the Council of Europe. This means that very weighty reasons would have to be advanced before a difference of treatment on the ground of sex could be regarded as compatible with the Convention"*. ("**Abdulaziz, Cabales & Balkandali vs U.K.**" - 1985 - E.H.R.R. 471).

"Fil-kaz fl-ismijiet **Konstantin Markin v. Russia**[20] gie enunzjat li :

> "*"... [T]he advancement of gender equality is today a major goal in the member States of the Council of Europe and very weighty reasons would have to be put forward before such a difference of treatment could be regarded as compatible with the Convention ... In particular, references to traditions, general assumptions or prevailing social attitudes in a particular country are insufficient justification for a difference in treatment on grounds of sex."*

"Illi Malta wkoll ghamlet tibdiliet radikali fil-qafas legali taghha sabiex tindirizza kull ghamla ta' diskriminazzjoni bejn is-sessi.[21]

"Certament din il-Qorti ssib li d-dikjarazzjoni obbligatorja imposta bil-ligi mhix proporzjonata ghall-ghan dikjarat li jista' jigi milhuq bl-introduzzjoni ta' sistemi aktar efficjenti amministrativi.

"Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi issib lezjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni billi l-intimati ma rnexxielhomx jippruvaw illi hemm gustifikazzjoni oggettiva ghad-diskriminazzjoni li tezisti bejn is-sessi permezz tad-disposizzjoni legali in kwistjoni.

"**L-Artikolu 1 tal-Protokol Numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

---

diskriminazzjoni biss meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

[20] Q.E.D.B.(GC) - 22 ta' Marzu 2012, § 127

[21] Ara *White Paper'* **"Shab indaqs fiz-Zwieg"** li pprecediet l-emendi tal-1993 fejn kien intqal hekk:*"Fil-1987, il-Parlament Malti ghadda bhala ligi l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. Iktar tard f'Marzu ta' din is-sena (1991), il-Gvern iffirma l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnehhija ta' kull Ghamla ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. F'Lulju mbaghad il-Kostituzzjoni kienet emendata biex tipprovdi rimedju legali ghal min isofri diskriminazzjoni minhabba s-sess. Dawn huma tibdiliet radikali fis-socjeta` u fil-ligijiet motivati bil-principju illi "il-mara u r-ragel ghandhom ikollhom jeddijiet l-istess""*.

“Illi l-ewwel Artiklu jenuncja l-principju li kull dritt ghandu jigi zgurat minghajr l-ebda distinzjoni *inter alia* abbazi ta' sess u jiddisponi:

> “*“1. The enjoyment of any right set forth by law shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status. 2. No one shall be discriminated against by any public authority on any ground such as those mentioned in paragraph 1."*

“Illi fil-kaz fl-ismijiet **Boban ŠIMŠIĆ v against Bosnia and Herzegovina**[22] gie ritenut li :

> “*"1. The notion of discrimination has been interpreted consistently in the Court’s jurisprudence regarding Article 14 of the Convention. In particular, this jurisprudence has made it clear that “discrimination” means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in similar situations. The authors used the same term, discrimination, in Article 1 of Protocol No. 12. Notwithstanding the difference in scope between those provisions, the meaning of this term in Article 1 of Protocol No. 12 was intended to be identical to that in Article 14 (see Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina [GC], nos. 27996/06 and 34836/06, § 55, ECHR 2009)."*

“Gie spjegat li "*Protocol 12 was drafted in recognition of the deficiencies of Article 14 .... The advance offered by the Protocol is that the narrow field to which Article 14 currently restricts non-discrimination standards is extended to 'any right set forth by law'.*[23]

“Illi jirrizulta li Malta iffirmat u rratifikat dan il-protokoll fit-8 ta' Dicembru 2015 u dahal fis-sehh b'rispett ta' Malta b'effett mill-1 ta' April 2016[24]. Madanakollu jigi precizat li dan il-protokoll mhuwiex fost dawk imsemmija fid-definizzjoni tal-Konvenzjoni ghall-fini tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant mhix parti min-normativa tal-Kap 319 li targina l-kompetenza ta' din il-Qorti.

“Illi f'kull kaz din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tapplika dan il-Protokoll billi ma hemmx l-artikolu 14 flimkien mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni gja ikopru l-lanjanzi sollevati.Ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' din it-talba.

“**Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**[25]

“L-artikoli ccitati mir-rikorrenti huma s-segwenti:

“**Artikolu 7 Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja**

---

[22] Q.E.B.D.App.Nru. 51552/10 -10 TA' aPRIL 2012
[23] Harris O'Boyle & Warbrick op cit. pp 819 -821.

[25] 2012/C 326/02

> “*"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha."*

“**Artikolu 21 Non-diskriminazzjoni**

> “*"1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita.*
> *2 - omissis."*

“Illi aparti li l-Qorti Ewropea (CJEU) tapplika l-principji kif enuncjati u interpretati mill-Qorti ta' Strasbourg, ghandu jigi senjalat li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ghandha l-forza ta' Ligi f'pajjizna u hija mqeghda fuq l-istess livell daqs it-Trattati. Madanakollu l-Karta titqies li hija ligi ordinarja b'differenza mal-Kostituzzjoni u hija applikabbli biss fir-rispett ta' materja li taqa' tal-kompetenzi u kompiti tal-Unjoni Ewropea. Dan mhuwiex il-kaz odjern li jirrigwarda materja ta' kompetenza nazzjonali.

“Ghaldaqstant in kwantu li t-talba hija imsejsa fuq it-Trattat, mhiex ser tigi milqugha minnhabba li l-kwistjoni sollevata quddiem din il-Qorti tesorbita mill-kompetenza tat-Trattati.

“***Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnehhija ta’ kull Ghamla ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW).***

“Illi r-rikorrenti ticcita ukoll fuq l-artikolu 1 u 2 tal-CEDAW. L-ewwel Artikolu jaghti definizzjoni ezawrijenti ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa[26] filwaqt li l-artikolu 2 jfisser l-objettivi li ghandhom jimmiraw ghalihom l-istati firmatarji, fosthom Malta u ghaldaqstant huma tan-natura ta' dikjarazzjoni ta' principji.

“Madanakollu ghalkemm Malta iffirmat u ratifikat il-Kovenzjoni, din mhix parti mil-ligi taghna u kwindi mhix legalment enforzabbli. Trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Ezekuttiv fih innifsu u wahdu m’ghandux il-forza ta’ ligi fil-kamp domestiku. Ma tistax qorti domestika tiehu konjizzjoni direttament ta’ trattat internazzjonali; qorti domestika, pero`, tista’ tiehu konjizzjoni ta’ trattat internazzjonali in forza ta’ ligi domestika. (*Vide* l-ispjegazzjoni awtorevoli dwar l-Att dwar ir-Ratifika tat-Trattati (Kap 304 tal-Ligijiet ta' Malta ) - Qorti tal-Appell Kriminali (VDG) fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija (Sp. Emmanuel Camilleri) v Mohammed Abdel Monem).**

---

[26] *For the purposes of the present Convention, the term "discrimination against women" shall mean any distinction, exclusion or restriction made on the basis of sex which has the effect or purpose of impairing or nullifying the recognition, enjoyment or exercise by women, irrespective of their marital status, on a basis of equality of men and women, of human rights and fundamental freedoms in the political, economic, social, cultural, civil or any other field*.

**Rimedju**

"Il-Qorti tqies li d-dikjarazzjoni tal-ksur huwa rimedju sufficjenti ghar-rikorrenti fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif ukoll meqjus li ser taghti l-ordni mehtiega sabiex din is-sentenza tigi notifikata lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati".

L-Appell

5. L-intimatipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 17 ta' April 2017, fejn talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu l-ewwel Qorti ddecidiet li tiddikjara li l-proviso tal-Artikolu 28[1][c][i] fuq citat hu inkonsistenti ma' u jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

6. L-aggravji tal-intimat fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti: [i] li il-proviso jinkwadra bhala eccezzjoni ai termini tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u tas-subinciz [4][d] tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, ghaliex huwa mehtieg minhabba ragunijiet ta' ricerka fuq il-persuna fir-Registru Pubbliku; u [ii] meta tigi emendata l-ligi biex ir-ragel ukoll jinghata d-dritt li jiehu kunjom martu, il-proviso lamentat ikollu jinbidel biex l-obbligu prezentement impost fuq il-mara wahedha, jibda jinkombi wkoll fuq ir-ragel.

7. B'risposta minnha pprezentata fis-6 ta' Settembru 2017, ir-rikorrenti wiegbet illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta tal-appell.

L-Aggravji

8. Qabel xejn hija opportuna l-osservazzjoni illi fl-appell tieghu l-intimat m'huwiex jikkontesta illi l-proviso lamentat jikkostitwixxi interferenza fil-hajja privata tar-rikorrenti kif ukoll diskriminazzjoni fil-konfront taghha, izda huwa mmirat esklussivament biex jikkonvinci lil din il-Qorti illi l-mizura fil-proviso lamentat hija wahda legittima u mehtiega f'socjeta` demokratika u li ghandha ghalhekk tinkwadra fost l-eccezzjonijiet ghall-ezercizzju tad-drittijiet invokati mir-rikorrenti, kif kontemplat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u fis-subinciz [4][d] tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tillimita l-ezami taghha ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddecidiet illi l-facilitazzjoni u l-htiega ta' certezza fir-ricerka ma tistax tigi meqjusa bhala gustifikazzjoni legittima jew ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika biex jillegittimizzaw l-interferenza fid-dritt fundamentali ghal-hajja privata, u fid-dritt fundamentali ghan-non diskriminazzjoni, li t-tnejn huma protetti mill-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni.

*L-Ewwel Aggravju*

9. Permezz ta' dan l-aggravju l-intimat isostni illi l-obbligu impost mill-proviso tal-Artikolu 28[1][c][i], jinkwadra bhala eccezzjoni ai termini tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u tas-subinciz [4][d] tal-

Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, ghaliex skont hu, dan huwa korollarju tad-dritt li r-rikorrenti ghandha biex tibdel kunjomha u huwa mehtieg ghalhekk minhabba ragunijiet ta' ricerka fuq il-persuna fir-Registru Pubbliku. L-intimat jikkontendi li din il-mizura hija, skont il-ligi, mehtiega u oggettivament gustifikata f'socjeta` demokratika u jsostni ulterjorment illi l-ewwel Qorti ma messitx skartat il-kontenut tas-sentenza **Karl Fiorini et v. L-Avukat Generali tar-Repubblika et**. Skont l-intimat din is-sentenza xorta wahda ssib riskontru f'dan il-kaz ghaliex it-tnehhija tar-rekwiziti tal-proviso attakkat mir-rikorrenti tista' twassal biss ghal incertezza fir-registrazzjonijiet tal-istat civili tal-individwi b'konsegwenzi negattivi

10. L-intimat jikkontendi wkoll illi, sakemm jitlesta l-process li diga` ghaddej sabiex is-sistema ta' ricerki tinbidel minn wahda bbazata fuq il-parentela ghal wahda bbazata fuq in-numru tal-karta tal-identita` tal-individwu, ir-rekwizit impost mill-proviso lamentat huwa mehtieg biex ihares id-dritt li jkun hemm certezza fir-ricerki dwar il-persuna.

11. Ir-rikorrenti wiegbet billi *in primis*, ghamlet referenza ghar-rikonoxximent da parti tal-intimat innifsu illi l-proviso lamentat mir-rikorrenti huwa wiehed arkajku u jista' jigi emendat, u sostniet illi l-facilitazzjoni tar-ricerki ma hijiex raguni legittima biex tiggustifika l-interferenza fil-hajja privata tar-rikorrenti ghaliex l-istess ghan jista' jigi

milhuq minghajr l-indhil u d-diskriminazzjoni li l-applikazzjoni ta' dan il-proviso necessarjament iggib maghha. Skont ir-rikorrenti, il-fatt illi s-sistema amministrattiva tar-ricerki jista' jkun li hija antikwata, ma jista' qatt jintuza bhala skuza biex issir jew jithalla jsir indhil fil-hajja privata tal-persuni wisq anqas biex jiddiskrimina fuq kriterji stabbiliti f'socjeta` demokratika, fosthom fuq bazi tas-sess.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Huwa evidenti li l-ewwel aggravju tal-intimat huwa relevanti biss fil-kuntest tad-dritt protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fir-rigward, jinghad illi[27]:-

> "… the ECtHR sets out the general reach of Article 8, with reference to past case-law: … *'… the notion of "private life" within the meaning of Article 8 of the Convention is a broad concept which encompasses,* inter alia*, the right to establish and develop relationships with other human beings … the right to "personal development" … or the right to self-determination as such. It encompasses elements such as names … gender identification, sexual orientation and sexual life, which fall within the personal sphere protected by Article 8 … and the right to respect for both the decisions to have and not to have a child.'* Thus, the ambit of Article 8 is extremely wide". [sottolinejar ta' din il-Qorti]

13. Fid-decizjoni taghha fil-kaz **Ünal Tekeli v. Turkey**[28], il-Qorti Ewropea qalet hekk in propositu ghall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni:-

[27] *Handbook on European Non-Discrimination Law* [FRA – European Union Agency for Fundamental Rights, 2010].
[28] Appl. 29865/96, deciz 16 ta' Novembru 2004.

> "42. The Court reiterates that Article 8 of the Convention does not contain any explicit provisions on names, but as a means of personal identification and of linking to a family, a person's name nonetheless concerns his or her private and family life".

14. Din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi li jivvanta l-intimat fl-appell tieghu. Tqis illi meta l-iStat jagixxi b'mod li ma jippermettix il-hajja privata ta' mara divorzjata, bhalma hija r-rikorrenti, tizviluppa normalment billi jibqa' jinsisti li r-rikorrenti tiddikjara jew tizvela b'mod pubbliku legami ma' zwieg mahlul f'kuntest fejn dan ma ghadux relevanti ghaliha [izda jista' jkun relevanti ghal terzi fl-ipotesi astratta li jsiru ricerki dwarha fir-regsitru pubbliku], ikun qieghed jonqos manifestament mill-obbligu tieghu taht l-Artikolu 8 li ma jindahalx fil-hajja privata tal-persuna u li jevita kull hjiel ta' diskriminazzjoni projibita mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. *Multo magis* meta l-indhil u diskriminazzjoni qed isir ghaliex, *ex admissis*, l-iStat ghadu ma hax hsieb jaggorna s-sistema tieghu dwar ricerki li jsiru fir-registru pubbliku.

15. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-iStat ma jista' qatt jinheba wara d-deroga kontemplata fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni biex jiggustifika mizura bhal dik imposta bil-proviso lamentat, wisq inqas ghal raguni ta' natura amministrattiva li, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux talli ma tikkonfigurax, imma talli hija eskluza minn fost l-eccezzjonijiet kontemplati mill-imsemmija paragrafi tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. In propositu, jidher li sfugga lill-intimat illi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 8

ma jesigix biss li l-mizura lamentata tkun skont il-ligi, mehtiega u oggettivament gustifikata f'socjeta` demokratika, izda jmur ferm oltre u jorbot dawn il-kriterji appena msemmija intrinsikalment ma' sett ta' kriterji ohrajn li ma jhallu ebda ekwivoku fir-rigward tan-natura gravi u eccezzjonali li jrid ikollha dik l-interferenza da parti tal-awtorita` pubblika biex tkun tista' tigi ittollerata fl-ezercizzju tad-dritt sancit bl-istess Artikolu.

16. Skont dan it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8, oltre li jrid ikun skont il-ligi, l-indhil kontemplat irid ikun ukoll mehtieg f'socjeta` demokratika f'talanqas wiehed mis-segwenti interessi: "*… sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni* [disorder] *jew l-eghmil tad-delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor*".

17. Ferm il-premess, din il-Qorti ma tirravviza ebda htiega socjali jew nazzjonali urgenti jew *pressing social need* li tiggustifika l-obbligu impost fuq ir-rikorrenti fil-proviso lamentat, u lanqas xi raguni impellenti biex jigi dikjarat jew zvelat f'att pubbliku l-fatt illi r-rikorrenti kienet mizzewga u li issa hija divorzjata mill-eks ragel taghha.

18. Fl-istess vena, din il-Qorti tikkonsidra illi d-dritt ta' terzi ghal certezza fir-ricerki li jsiru fir-registru pubbliku fuq persuna [f'dan il-kaz ir-

rikorrenti] li ezercitat id-dritt taghha li tibdel kunjomha maz-zwieg, ma jikkonfigurax fost l-interessi li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 huwa intiz biex ihares. Din il-konsiderazzjoni tassumi iktar relevanza fil-qafas tal-istqarrija tal-intimat fl-appell tieghu illi s-sistema amministrattiva [li skont l-istess intimat tiggustifika din l-interferenza], diga` tinsab fil-process li tigi aggornata sabiex ir-ricerki fuq il-persuna ma jibqghux isiru fuq kriterju tal-konnotati personali bhal ma hija l-parentela.

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt illi l-iStat diga` irrikonoxxa li wiehed mill-effetti tat-tibdil fis-sistema amministrattiva ser ikun li ma jkomplix isir dan l-indhil fil-hajja privata tar-rikorrenti u kwindi wkoll id-diskriminazzjoni projbita abbazi ta' sess, talanqas fil-qasam ta' atti notarili u ricerki relattivi fir-registru pubbliku, iddghajjef l-argument tal-intimat illi tezisti xi forma ta' gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli ghall-ezistenza ta' din is-sistema. Tqis ukoll li huwa inkoncepibbli li d-drittijiet fondamentali jithallew jigu mittiefsa ghar-raguni li l-iStat ghadu ma implementax mizuri amministrattivi biex jaggorna sistema ta' registrazzjoni u ricerka li hija leziva ta' drittijiet fundamentali.

20. Rigward l-ilment tal-intimat li l-ewwel Qorti skartat is-sentenza **Karl Fiorini et v. L-Avukat Generali tar-Repubblika et**, din il-Qorti hija tal-fehma illi, kif sewwa gie ritenut fis-sentenza appellata, il-konsiderazzjonijiet rapportati fis-sentenza citata ma jistghux isibu

riskontru f'dan il-kaz. Din il-Qorti tosserva illi l-kaz citat kien jittratta lment dwar tibdil fil-kunjom li skont il-ligi tiehu tarbija mar-registrazzjoni tat-twelid taghha, liema tibdil fih innifsu seta' jwassal biex ikollu riperkussjonijiet serji fuq ic-certezza tal-istat civili tal-persuna. Ghal kuntrarju, il-htiega ta' tibdil li jiggenera l-ilment tar-rikorrenti f'dan il-kaz jista' jincidi biss fuq il-mod kif isiru ricerki fir-registru pubbliku u b'ebda mod ma jimpingi fuq l-istat civili tal-persuna. Ghandha ragun ghalhekk l-ewwel Qorti, kif ukoll ir-rikorrenti, li din is-sentenza ma tistax issib riskontru f'dan il-kaz.

21. In propositu, din il-Qorti tqis li hija relevanti ghall-kaz odjern, id-decizjoni fuq citata fil-kaz **Ünal Tekeli v. Turkey**, fejn gie ritenut illi:-

> "67.The Court does not underestimate the important repercussions which a change in the system, involving a transition from the traditional system of family name based on the husband's surname to other systems allowing the married partners either to keep their own surname or to freely choose a joint family name, will inevitably have for keeping registers of births, marriages and deaths. However, it considers that society may reasonably be expected to tolerate a certain inconvenience to enable individuals to live in dignity and worth in accordance with the name they have chosen [see, mutatis mutandis, Christine Goodwin v. the United Kingdom [GC], no. 28957/95, § 91, ECHR 2002-VI]."

22. Kwantu ghall-argument tal-intimat li hemm il-prospettiva li l-ligi ser tigi emendata sabiex il-proviso relattiv jigi japplika ghall-irgiel ukoll, din il-Qorti tosserva illi tali emenda ma tindirizzax il-lezjoni riskontrata mill-ewwel Qorti fir-rigward, ghaliex huwa evidenti illi jekk id-dikjarazzjoni tal-

istat civili ta' persuna f'atti pubblici tibqa' tkun obbligatorja minkejja l-emendi prospettivi, l-interferenza xorta wahda ser tibqa' titqies bhala leziva tal-Artikolu 8 sew ghan-nisa sewwa sew ghall-irgiel. Fi kliem iehor, ghalkemm l-introduzzjoni eventwali tad-dritt favur ragel mizzewweg li jibdel kunjomu tista' twassal biex titnehha d-diskriminazzjoni li johloq il-proviso lamentat attwalment, billi l-obbligu ta' indikazzjoni f'atti pubblici tal-istat civili tal-persuna jigi japplika b'mod indiskriminat, ma tirrimedjax il-lezjoni taht l-Artikolu 8 ghaliex b'daqshekk l-interferenza fil-hajja privata zgur ma ssirx legittima jew ragjonevolment gustifikata f'socjeta` demokratika.

23. Ferm il-premess, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-iStat ma jistax jiggustifika z-zamma fis-sehh tal-proviso, u ghandu jagixxi biex jimplementa s-salvagwardji legali u amministrattivi biex ma tibqax issehh il-lezjoni tal-Artikolu 8 fuq citati.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

25. Permezz tat-tieni aggravju, l-intimat jargumenta li kull element ta' diskriminazzjoni jitnehha b'mod definittiv kif appena tigi emendata l-ligi biex ir-ragel ukoll jinghata d-dritt li jiehu kunjom martu, u dan ghaliex il-

proviso lamentat ikollu jinbidel biex l-obbligu prezentement impost fuq il-mara wahedha, jibda jinkombi wkoll fuq ir-ragel.

26. Skont ir-rikorrenti, din it-tezi vantata mill-intimat tkompli taghti konfort lid-decizjoni tal-ewwel Qorti illi l-proviso lamentat huwa diskriminatorju u jilledi d-dritt sancit mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li tqis li r-rikorrenti ghandha ragun, l-argument tal-intimat fit-tieni aggravju tieghu ma jiswix. Bir-rikonoxximent tal-fatt li hemm il-prospettiva li fil-futur qarib ser isiru tibdiliet legislattivi biex l-irgiel ukoll jinghataw l-ghazla li jibdlu kunjomhom maz-zwieg, u li b'effett ta' din il-legislazzjoni il-proviso lamentat jibda japplika ghall-irgiel kif ukoll ghan-nisa, l-intimat qieghed inevitabbilment jaccetta illi dan il-proviso, fil-forma vigenti tieghu, huwa leziv tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

28. Fl-ahhar nett hija opportuna fir-rigward l-osservazzjoni li, tenut kont tal-avvanzi progressivi u sinjifikanti li qed isiru llum iktar minn qatt qabel fil-qasam tal-ugwaljanza, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi ghandha tkun prijorita` ewlenija fost l-istituzzjonijiet nazzjonali sewwsew internazzjonali, li tintemm kull diskriminazzjoni bbazata fuq il-kriterji indikatii fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, inkluz il-kriterju tas-sess. F'din ir-realta` socjali u legali tal-lum, pjuttost milli l-iStat jimponi fuq mara l-

obbligu li tiddikjara l-istat civili taghha f'atti pubblici, huwa l-iStat innifsu li ghandu dmir pozittiv li jwettaq ir-riformi amministrattivi necessarji biex jevita li jsehhu jew ikompli jsehhu vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali.

29. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi t-tieni aggravju tar-rikorrenti ukoll m'huwiex gustifikat u qieghda tichdu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-intimat billi tichdu *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-istess intimat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb